# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 188/2016**

Il-Pulizija

vs

**Antonis Koustas**

Iben John, imwieled Pieta' fit-2 ta' Mejju, 1980 detentur tal-karta ta' l-identita' numru 244080(M)

Illum, 28 ta' Frar, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Antonis Koustas quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-Hamis, 16 ta' Lulju, 2015 ghal habta ta' l-11:20 u fiz-zminijiet ta' qabel fil-fond 'Dar Corfu', No 35, Triq Hlantun, Safi, Malta, u f'dawn il-Gzejjer:

1. Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur, li l-kacca jew it-tehid tieghu huma projbiti taht ir-regolament dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 ta' 1-2006) whud inkluzi fl-iskeda I jew fl-iskeda IX, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u meta dak l-ghasfur ma kienx gie ddkjarat u registrat ma' l-awtorita' kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kellu il-permessi jew certifikati mill-awtorita' kompetenti sabiex izomm dawk l-ghasafar u dan bi ksur ta' regolament 4(1)(e) ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504.71.

2. Zamm xi ghasfur, kemm haj kemm mejjet, jew parti minn xi ghasfur mhux imsemmi fl-iskeda II jew l-iskeda III tar-regolamenti ta' 1-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi, uhud inkluzi fl-iskeda I jew fl-iskeda IX, meta dawk l-ghasafar ma kienux ittiehdu fi stat membru iehor fejn ikunu jistghu jittiehdu jew jinqabdu legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-konservazzjoni ta' l-ghasafar selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta' dak l-istat membru iehor u dawk l-ghasafar ma kienux migjuba f'Malta wara l-1 ta' Mejju, 2004 bi ksur ta' regolament 4(1)(f) ta' I-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, L.S. 504. 71.

3. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mporta jew esporta, biegh, garr ghall- bejgh, zamm ghall-bejgh jew offra ghall-bejgh ghasafar hajjin jew mejtin jew xi parti li tista' tingharaf ta' xi ghasfur u li hi mharsa taht dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' regolament 6(1) tal-A.L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat S.L. 504.71.

4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien fil-pussess ta' kwalunkwe kampjun ta' ghasfur, jew ta' ghasfur li mhux tat-territorju Ewropew, kemm haj jew mejjet, jew parti minn kampjun, skond is-subregolament (1) ghandu jzomm fil-pussess tieghu u ghal kull zmien li jdum fil-pussess tal-kampjun, il-permessi, certifikati u kull dokument iehor li jipprovaw, ghas-sodisfazzjoni tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni ghall-Ghasafar Selvaggi, li dak il-kampjun ma giex akkwistat kontra d-dispozizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u dan bi ksur ta' reg 6(3) ta' L.S.504 71.

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi zamm, kellu fil-pussess tieghu xi ghasfur jew ghasafar ibbalzmati li l-ispeci taghhom mhux inkluza fl-iskeda III li tinsab mar-Regolamenti ta' l-2006 dwar il-konservazzjoni ta' l-ghasafar selvaggi, (uhud inkluzi fi Skeda I jew Skeda IX) li ma kienux gew registrati mas-sezzjoni fiz-zmien stipulat fis-subregolament 21 ta' I-A.L. 79 ta' 1-2006 u dan bi ksur ta' Reg 21(5) ta' I-A.L. 79 ta' 1-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta’ April, 2016 fejn il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 4(1 )(e), 4(1 )(f), 6(1), 6(3), 21 (5) tal-A.L. 79 tal-2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Oorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti u

ikkundannatu ghal hlas ta' multa ta' elf euro (€1,000) kif ukoll qieghda ordnat l-konfiska tal-esebiti u kif ukoll ssospenditlu l-licenzja ghal sentejn.

II-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputati.

Rat ir-rikors tal-appellant Antonis Koustasipprezentat fit-13 ta’ April, 2016 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena; izda jekk din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-appellant huwa hati, l-esponenti umilment jitlobha timponi piena inqas harxa li tirrifletti c-clrkostanzi partikolari ta' dan il-kaz stante li t-tajra bbalzmata ma kinitx proprjeta tieghu.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati ghamlet apprezzament totalment hazin tal-fatti tal-kaz taghha kif ser jirrizulta fil-kors tal-proceduri tal-appell u waqt id-deponiment tax-xhieda fil-kawza. Fuq il-bazi tax-xiehda quddiem l-ewwel Qorti, l-appellant sernpliciment ma seta' qatt u qatt jinstab hati ghaliex kien missieru stess fid-deponiment tax-xiehda li ta quddiem l-Qorti tal-Magistrati waqt is-seduta li fiha tressaq l-appellant, fejn xehed li l-'Osprey' ibbalzmata kienet propjeta tieghu u mhux ta' ibnu l-akkuzat, liema 'Osprey' ibbalzmata kienet giet fil-pussess tieghu minn wirt taz-zija tal-mara ta' missier l-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi kollha tal-kaz.

Illi mix-xiehda ta' Richard Lia li hu s-senior manager fil-Wil Birds Regulation Unit rrizulta li wara li giet deciza l-kawza quddiem l-ewwel Qorti nstab file li kien jindika li dan l-ghasfur meritu ta' dan l-appell kien gie registrat skont il-ligi minn missier l-appellant John Koustas.

Illi ghalhekk ma tista' tirrizulta ebda htija fil-konfront ta' l-appellant.

Gghaldaqstant, din il-Qorti qed thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tehles lil Antonis Koustas minn kull htija u piena.